

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (Il-Ġermanja) fl-14 ta' Ġunju 2007 — Ernst & Young Deutsche Allgemeine Treuhand AG vs Finanzamt Stuttgart-Körperschaften**

(Kawża C-285/07)

(2007/C 247/02)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Hessischer Verwaltungsgerichtshof (Il-Ġermanja) fil-5 ta' Lulju 2007 — Firma Baumann GmbH vs Land Hessen**

(Kawża C-309/07)

(2007/C 247/03)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ernst &amp; Young Deutsche Allgemeine Treuhand AG

Konvenut: Finanzamt Stuttgart-Körperschaften

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/434/KEE <sup>(1)</sup> tat-23 ta' Lulju 1990 jipprekludi regoli fiskali ta' Stat Membru li abbażi tagħhom, fil-każ ta' trasferiment ta' azzjonijiet f'kumpannija Ewropea b'responsabbiltà limitata lil kumpannija Ewropea oħra, il-kumpannija li tagħmel it-trasferiment tista' żżomm il-valur skond il-kotba ta' l-azzjonijiet ittrasferiti fil-każ biss li l-kumpannija benefiċjarja vvalutat l-azzjonijiet ittrasferiti skond il-valur nominali tagħhom ("valur skond il-kotba doppju")?
- 2) Jekk ir-risposta hija fin-negattiv, ir-regoli msemmija iktar 'il fuq imorru kontra l-Artikoli 43 KE u 56 KE, minkejja li l-"valur skond il-kotba doppju" huwa meħtieġ ukoll fil-każ ta' trasferiment ta' azzjonijiet f'kumpannija b'responsabbiltà limitata lil kumpannija li hija suġġetta b'mod illimitat għat-taxxa fil-Ġermanja?

<sup>(1)</sup> ĠU L 225, p. 1.

**Qorti tar-rinviju**

Hessischer Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Firma Baumann GmbH

Konvenut: Land Hessen.

**Domandi preliminari**

- 1) Il-leġiżlatur nazzjonali, meta jagħmel użu mis-setgħa stabbilita fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 85/73/KEE, tad-29 ta' Jannar 1985, fil-verżjoni tad-Direttiva 96/42/KE, tas-26 ta' Ġunju 1996 u fil-punt 4(a) tal-Kapitlu I ta' l-Anness A sabiex iżid l-ammont standard tal-miżati għal stabbilimenti individwali u fil-punt 4(b) sabiex jgħbor miżata li tkopri l-ispejjeż inkorsi, huwa marbut strettament ma' l-istruttura tal-miżati prevista fil-punti 1 u 2(a) tal-Kapitlu I ta' l-Anness A (skond it-tip ta' annimal, annimali żgħar jew adulti, il-piż tal-karkassa eċċ), jew jista' jagħmel distinzjoni, meta jistabbilixxi l-ammonti tal-miżati, bejn spezzjonijiet ta' unitajiet ta' qtil fi stabbilimenti kbar u spezzjonijiet oħra, u barra minn dan, anki fi ħdan dawn iż-żewġ gruppi jaġġusta r-rata tal-miżati fuq skala li tonqos skond in-numru ta' annimali maqtula minn fost tip ta' annimal, salv biss li dan jirrifletti l-ispejjeż inkorsi?

- 2) Abbażi tad-dispożizzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, il-leġislatur nazzjonali jista' jiġbor, fir-rigward tal-qtil li jsir barra l-ħin normali tal-qtil u dan fuq talba tas-sid, miżata addizzjonali fuq bażi perċentwali barra mill-miżata miġbura għal spezzjonijiet tal-qtil fil-ħin normali tal-qtil meta din ta' l-aħħar tirrifletti l-ispejjeż addizzjonali inkorsi, jew dawn l-ispejjeż għandhom jiġu inklużi fil-miżata standard (miżjuda) għall-persuni kollha li huma suġġetti għall-miżata?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-11 ta' Lulju 2007 — Hein Persche vs Finanzamt Lüdenschaid**

(Kawża C-318/07)

(2007/C 247/04)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinvju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Hein Persche.

Konvenuta: Finanzamt Lüdenschaid.

**Domandi preliminari**

- 1) Ir-rigali in speċi, magħmula minn ċittadin ta' Stat Membru, li jkunu jikkonsistu f'prodotti għall-użu ta' kuljum lil organizzazzjonijiet li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor u li huma rrikonoxxuti bħala ta' utilità pubblika skond id-dritt ta' dan il-pajjiż għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu taħt il-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapitali (Artikolu 56 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea)?
- 2) Fil-każ ta' tweġiba pożittiva għall-ewwel domanda, dispożizzjoni ta' Stat Membru li taġhti benefiċċju fiskali fir-rigward tar-rigali lil organizzazzjonijiet ta' utilità pubblika biss jekk dawn ta' l-aħħar għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fit-territorju nazzjonali għandha tiġi kkunsidrata bħala li tmur kontra l-prinċipju tal-moviment liberu tal-kapitali (Artikolu 56 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea), meta jittieħed in kunsiderazzjoni, minn naħa, l-obbligu li l-amministrazzjoni fiskali għandha li tivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-persuni taxxabblu u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju tal-proporzjonalità (it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea)?
- 3) Fil-każ ta' tweġiba pożittiva għat-tieni domanda, id-Direttiva 77/799/KEE għandha tiġi kkunsidrata bħala li tobbliga lill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru sabiex tirrikorri għall-għajnuna ta' Stat Membru ieħor sabiex tistabbilixxi l-fatti fuq sitwazzjoni li toriġina minn dan l-aħħar Stat Membru jew inkella jekk huwiex possibbli li r-regoli proċedurali ta' l-Istat Membru tal-persuna taxxabbli jeżiġux li din il-persuna taxxabbli jkollha l-oneru tal-prova fir-rigward ta' fatti li sehew barra minn pajjiżu (oneru tal-prova oġġettiv)?

**Rikors imressaq fit-13 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-326/07)

(2007/C 247/05)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Pignataro-Nolin u H. Støvlbæk, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet**

- tiddikjara li bl-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet bħal dawk konvenuti fl-Artikolu 1.2 tad-Digriet tal-President tal-Kunsill tal-Ministri ta' l-10 ta' Ġunju 2004, fuq id-definizzjoni tal-kriterji għall-eżerċizzju tal-poteri speċjali stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Digriet Liġi tat-31 ta' Mejju 1994, Nru 332, konvertit u emendat bil-Liġi tat-30 ta' Lulju 1994 Nru 474, emendat bil-paragrafu 227(a), (b) u (c) ta' l-Artikolu 227 tal-Liġi finanzjarja Nru 350/2004, ir-Repubblika Taljana naqset li twettaq l-obbligi imposti fuqha bl-Artikoli 43 u 56 tat-Trattat KE;
- tordna lir-Repubblika Taljana tbat i-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni ssostni li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1.2 tad-Digriet ta' l-10 ta' Ġunju 2004 għall-eżerċizzju tal-poteri speċjali, previsti fil-paragrafu 227(a), (b) u (c) ta' l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 350/2004 mhumiex suffiċjentement speċifiċi jew preċiżi biex jippermettu lill-investitur ta' Stat Membru ieħor li jkun jaf meta l-poteri speċjali stabbiliti fil-paragrafu 227(a), (b) u (c) ta' l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 350/2004 ser jiġu użati.

Il-poteri speċjali stabbiliti fis-subparagrafi (a), (b) u (c) jikkonsistu fl-oppożizzjoni għall-assunzjoni tal-kontroll minn investituri ta' ishma rilevanti li jirrappreżentaw ta' l-inqas 5 % tad-drittijiet tal-vot jew il-perċentwali minima stabbilita mill-Ministru ta' l-Ekonomija u tal-Finanzi, fl-oppożizzjoni għall-konklużjoni ta' pattijiet u ftehim bejn azzjonisti li jirrappreżentaw 5 % tad-drittijiet tal-vot jew il-perċentwali minima stabbilita mill-Ministru ta' l-Ekonomija u tal-Finanzi u fil-poter tal-veto għall-addożzjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' xoljiment tal-kumpannija, ta' trasferiment ta' l-imprezza, ta' amalgamazzjoni, ta' qsim, ta' trasferiment ta' l-uffiċċju rreġistrat barra mill-pajjiż, jew ta' bdil ta' l-għanijiet tal-kumpannija, kriterji applikabbli għas-setturi kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 227 ta' l-Artikolu 4 tal-Liġi (difiża, trasport, telekomunikazzjonijiet, sorsi ta' enerġija u servizzi pubbliċi oħra).